# META NTEFA D-DAWL

Ta' JOE MEJLAK

L-orkestra kienet diġà semmgħet l-ewwel battuti tas-sinfonija lill-udjenza fis-Sala "Giuseppe Verdi", meta Bruno Baldeschi kien wasal biex jidħol. Wara li ta l-biljett lil tal-bieb, baqa' dieħel fis-sala.

L-orkestra ddoqq u l-pubbliku jsegwi bl-akbar ħerqa f'sikta sħiħa. Erba' bozoz kbar, ħomor, kienu jiksru d-dalma li kien hemm. Billi kien għadu ġej minn barra, Bruno, kien għadu ma darax id-dlam. Ma satax isib postu. Ħadd ma kien hemm biex jurih. Jiġri u jdur mas-sala kollha. Min isikktu minn hawn u min isikktu minn hemm.

F'daqqa waħda, biex tagħqad, mar id-dawl, u s-sala sfat fi dlam ċappa. Ħadd ma ħabbel rasu. L-orkestra baqgħet iddoqq u l-udjenza baqgħet issegwi qisu qatt ma ġara xejn. Iżda mhux hekk jista' jingħad għal Bruno, miskin. Iktar infixel u meta sab ruħu f'dik it-taħbila, tatu rasu.

Wara li dar ftit ieħor mas-sala — ma nafx kemm-il darba kien sejjer għal wiċċu u kemm-il darba għamlu għalih — sama' min

ipespislu. Iżda ma satax jara min kien. Beda jfittex b'idejh it-tnejn. Fl-aħħar, ħass żewġ idejn oħra jmissu ma' tiegħu.

"Idħol hawn, u tagħmilx ħoss", sama' min igħidlu minn taħt l-ilsien. Kien leħen ħiemed ta' tfajla li ma satax jagħrfu.

Wara li qajjem 'il xi tnejn min-nies biex igħaddi, Bruno daħal u qagħad ħdejn it-tfajla.

"Kemm iddawwart!" qaltlu ż-żagħżugħa b'leħen ħiemed. "Għadek ma drajtx tiġi daqsxejn qabel?"

"Kemm dlam hawn", weġibha Bruno, bħal wieħed li ried idawwar il-kliem, u fid-dubju u kurżità min qed ikellmu.

"Xi trid tagħmel. Għandhom il-ħsara. Wara kollox meta bi ħsiebek turini daqsxejn ta' serjetà?—" staqsietu t-tfajla, u qabditlu idu biex ittaffi ftit dak il-kliem żorr li kienet qaltlu.

Bruno ħabat se'r jinfixel. Beda jaħseb: "Min tista' tkun?" Kien se jsaqsiha jekk tafx ma' min qed titkellem, iżda deherlu li aħjar jibqa' jiżfen mad-daqqa.

"Int teħtieġ mara fuq ruħha u ta' dixxiplina", raġa' semagħha tgħidlu.— "Xi tgħid, Carlo?— Imma jien dejjem għadirtek ta' ġuvni li int. Inti taf kemm dejjem ħabbejtek, ħliefek lil ħadd."

Bruno Baldeschi ma kienx soltu joqgħod kwiet meta mara iżżiegħel bih. Din id-darba, it-tfajla kellha leħen ħelu, u idejha rotob u keshin. Għalhekk waħħal f'rasu li jkompli magħha.

Ġie waqtiet li hi għafsitlu idu u poġġiet rasha fuq spalltu. Mill-banda l-oħra hu ma stmerrx li jqarreb wiċċu ma' wiċċha. Hi ma deħritx li jiddispjaċiha, tant li wara ftit semagħha tgħidlu: "Carlo, inti għadek tħobbni, hux tas-sew" — "Iva, għala le? — Dlonk weġibha Carlo.

Sadanittant, fuq il-palk xegħlu xi żewġ xemgħat, iżda dawn kienu dgħajfin wisq biex idawlu s-sala; għalhekk, baqa' kollox kif kien.

"Għidli", staqsiet it-tfajla liż-żagħżugħ, "irċivejtha l-ittra li bgħattlek?"

"Le", weġibha l-ieħor xott xott.

"Ma jistax ikun. Kieku kif ġejt hawn il-lejla? Ktibtlek li se nistenniek hawnhekk".

"Naħlieflek li ma rċivejthiex", reġa' qalilha.

"Ma nafx għaliex qed tiċħad", tenniet l-oħra. Imbagħad staqsietu: "Fuq kollox, meta se nerġa' narak?

"Għada", weġibha Bruno.

"Għada?" stagħġbet it-tfajla. "Għada ma tridx tmur il-funeral ta' zitek?"

Bruno gidem xofftu għax ra li kien ħa triq b'oħra. Ħaseb ftit, imbagħad weġibha:

"Iż-żija, miskina, qed tistrieħ fil-paċi tal-qabar. Imma jiena miniex mejjet. Anzi qatt ma ħassejtni fuq tiegħi daqs illum. Jaqbel niltaqa' miegħek għada".

"Kif jogħġbok, mela. Il-lejla se noħorġu flimkien, hux tassew? U, bilħaq, nhar il-Ħamis ħadt gost?"

Iż-żagħżugħ ma' fehemx fuqiex kienet qiegħda tgħidlu; madanakollu xorta waħda wieġeb iva. L-aqwa għalih kien li d-dalma tibqa' ftit ieħor. Kien jaf tajjeb li kien qed jiġi mibdul ma' ħadd ieħor. Imma deherlu li ma kellux jeqred il-pjaċir li kienet qiegħda tieħu dik it-tfajla. Għalhekk, qabillu jissokta jaħdem il-parti tal-maħbub tagħha.

Imma, b'xorti ħażina, is-sala reġgħet iddawlet mill-ġdid.

Bruno nħasad, u kellu għalfejn! It-tfajla rranġat ftit xagħarha. Hu ħares lejha. Qatt ma kien raha qabel. Imbagħad, hi daret lejh bi tbissima, iżda dlonk mititilha fuq xufftejha hekk kif intebħet biż-żagħżugħ li kellha maġenbha.

"X'waħda din! Inti m'intix Carlo!"

"Le", weġibha l-ieħor, biered biered u b'nofs daħka. "U jekk ma jimpurtax, nintroduċi ruħi: Bruno Baldeschi, arkitett, Milaniż".

"Ma jistax ikun! U int kellek il-wiċċ tapprofitta ruħek mid-dlam u mill-iżball!"

Imsejkna tfajla. Kellha raġun. Imma żagħżugħ ta' għoxrin sena ma satax jirrofta dak li offrielu b'tant ħlewwa. Intant, Bruno baqa' jħares lejha. Tfajla sabiħa: ftit samra, b'żewġ għajnejn kbar, suwed, ġbin għoli, wiċċ perfett, u persuna sabiħa u eleganti.

Għall-bqija tal-lejla, it-tnejn issuktaw jillitikaw minn taħt l-ilsien. Meta ntemm il-kunċert, ħarġu flimkien.

Kif sabu ruħhom barra, iż-żagħżugħ qal lit-tfajla:

"Sar ħafna ħin, u ma jixraqx nitilqek waħdek bħalissa. Ħallini nwassislek id-dar".

Għall-ewwel ix-xebba irrufitat, imma Bruno kellu fommu jinqala' wisq biex jikseb dak li xtaq. Għalhekk, dik it-tfajla spiċċat biex aċċettat.

Qabel telaqha dik il-lejla, Bruno staqsieha:

"Għada niltaqgħu?"

"Għalfejn? Biex tkompli tqarraq bija?"

"Nittama li nsir ħabib kbir tiegħek".

"Tajjeb, għada le. Ħallini naħsibha. Il-lejl it-tajjeb".

"Il-lejl it-tajjeb. Nerġgħu niltaqgħu".

M'għandniex x'ingħidu, fil-granet ta' wara ltaqgħu, u l-affarijiet tant marru tajjeb li fi żmien sena ż-żewġ żgħażagħ iżżewġu. U ż-żagħżugħ l-ieħor — Carlo — x'sar minnu? Min jaf? Ħadd iżjed

ma sama' bih. Għalhekk, fil-ħajja tagħhom ma sabu xejn xi jfixkilhom, u qatt ma kellhom l-iċken tilwima bejniethom.

Għaddew tliet snin. Fil-waqt li l-omm kienet qiegħda żżeffen liċ-ċkejken Sergio fuq riġilha, il-missier resaq qrib lejha u qagħad fejnha fuq is-sufan.

"X'ħin hu, Elda?" staqsieha.

"Id-disgħa u nofs", weġbitu martu.

"U x'għodwa hi llum?"

"Il-Ħamis, 22 ta' Lulju",

"U did-data ma tfakkrek f'xejn?" reġa' r-raġel. "Sewwa sew tliet snin ilu, f'dan l-istess ħin kien hemm il-qtugħ tad-dawl fis-Sala "Giuseppe Verdi". Tiftakar?"

"Iva, u qiegħda nieħu gost li inti ftakart ukoll", qaltlu martu ferħana.

"Mhux biss ftakart, iżda wkoll ġibtlek rigal ċkejken biex b'xi mod ifakkrek f'dik il-lejla", tenna Bruno, fil-waqt li newlilha pakkett.

Elda fetħet il-kaxxetta li kienet misrura fil-pakkett, u fiha sabet labra tad-deheb għamla ta' skala tal-mużika, b'seba' rubini li jiffurmaw in-noti.

Tassew rigal li fakkarha f'dik il-lejla li ma tintesa qatt, meta fis-Sala "Giuseppe Verdi" intefa d-dawl!